7 ta' Mejju, 2021

**PARTIT LABURISTA**

Sottomissjoni għall-proċess ta' konsultazzjoni pubblika f'forma ta' *white paper* bit-titlu:

**'LEJN IT-TISĦIĦ TAL-QAFAS LEGALI GĦALL-UŻU RESPONSABBLI TAL-KANNABIS'**

Il-Partit Laburista jilqa' l-publikazzjoni tal-*White Paper* maħruġa mill-Gvern ta' Malta; 'Lejn it-Tisħiħ tal-Qafas Legali għall-użu responsabbli tal-Kannabis' bhala pass pożittiv 'l quddiem f'dan ir-rigward.

Dan il-proċess jaf il-bidu tiegħu f'proposta mressqa fil-Manifest Elettorali tal-Partit Laburista tal-2017, intitolat 'L-Aqwa Żmien ta' Pajjiżna', liema proposta nediet proċess ta' konsultazzjoni pubblika.

Il-ħtieġa ta' riforma f'dan is-settur ilha tinħass diversi snin. Il-Partit Nazzjonalista, meta kien fil-Gvern, qatt ma kellu l-kuraġġ politiku li jaffaċċa r-realtajiet soċjali marbuta ma' dan is-settur, minkejja li dawn ir-realtajiet ilhom magħna għal għexieren ta' snin. Il-ħtieġa ta' riforma rajnieha wkoll f'diversi stanzi b'sentenzi li taw il-Qrati Maltin .

Snin twal ta' tkaxkir tas-saqajn fisser li l-futur ta' bosta, mhux biss żgħażagħ, ġie preġudikat, sempliċiment fuq konsum ta' sustanza għal użu personali.

Tajjeb wieħed ifakkar kif għal darba oħra kien Gvern Laburista li għamel l-ewwel pass kuraġġuż fl-2015, meta ġew introdotti emendi għal-liġijiet li bihom ġie dekriminalizzat il-pussess fuq il-persuna sa massimu ta' 3.5 grammi. Għaldaqstant, il-Partit Laburista jaqbel mal-prinċipji ġenerali stabbiliti f'din il-konsultazzjoni pubblika, u ċioé l-prinċipji ta' ġustizzja, proporzjonalità, u d-dritt tal-għażla responsabbli u ħielsa tal-individwu.

F'din is-sottomissjoni, bħala Partit Laburista qed immorru oltré l-prinċipju ta' dekriminalizazzjoni, li jidher b'mod ċar li hemm kunsens wiesgħa dwaru. Qed nipproponu pjan fit-tul li jwassal għal legalizazzjoni sabiex min juża l-kannabis, li mhux kriminal, intuh l-opportunità sabiex ma jibqax f'kuntatt mal-kriminali biex ikollu aċċess għall-kannabis.

Permezz ta' dan id-dokument, il-Partit Laburista qiegħed formalment jissottometti r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tiegħu għal dan il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika. Dan wara konsultazzjoni interna fl-istrutturi tal-istess Partit, kif ukoll bil-kontribuzzjonijiet li l-pubbliku in ġenerali għamel lill-istess Partit.

Il-Partit Labursita jistieden lill-Gvern sabiex jevalwa s-sottomissjonijiet li rċieva, u b'hekk jitmexxa 'l quddiem il-proċess biex isiru il-bidliet tant meħtieġa f'dan il-qasam, għall-ġid tas-soċjetà tagħna.

| Proposta fil-*White Paper* | Kummenti Partit Laburista |
|---|---|
| I. Id-Dekriminalizzazzjoni sa massimu ta' 7 grammi tal-kannabis | Il-Partit Laburista jappoġġja l-proposta ta' dekriminalizzazzjoni sħiħa ta' dan l-ammont għall-użu esklussiv. Jaqbel li persuna fil-pussess ta' dan l-ammont għall-użu esklussiv tagħha m'għandhiex tkun soġġetta għal ebda proċedura legali jew l-impożizzjoni ta' xi multa jew piena oħra, u lanqas m'għandha tiġi arrestata jew tiġi soġġetta għal-interrogazzjoni mill-Pulizija.<br><br>Qed jiġi rakkomandat li termini bhal '*suspett raġonevoli*' jiġu spjegati aħjar sabiex il-liġi tkun tista' tiġi implimentata b'mod ċar u skont l-ispirtu tagħha mill-forzi tal-ordni u l-istituzzjonijiet f'pajjiżna.<br><br>Il-fatt li qed jiġi propost li jinżamm l-irwol tal-Kummissarju tal-Ġustizzja għal meta persuna adulta tinqabad b'pussess ta' aktar minn 7 grammi u li ma jaqbiżx l-ammont ta' 28 gramma, huwa pass pożittiv li se jassigura li persuna jista' jkollha aċċess għall-għajnuna.<br><br>Il-Partit Laburista jifhem ukoll li reat kriminali jsir meta persuna tinqabad f'pussess ta' aktar minn 28 gramma u dan sabiex ikun assigurat li qed jiġi miġġieled it-traffikar tad-droga. Bħala Partit nħeġġu lil Gvern isaħħaħ il-ġlieda kontra t-traffikanti b'kull mezz possibbli, filwaqt li nagħmlu distinzjoni netta bejn min hu traffikant, u min sempliċiment jagħmel użu minn sustanza għall-użu personali tiegħu.<br><br>Dwar kif wieħed ikun jista' jipprokura l-kannabis b'mod legali u jbiegħed lill-utent mill-*black market*, il-Partit Laburista huwa tal-fehma li l-abbozz ta' liġi għandu jispeċifika kif persuna tkun tista' b'mod legali tixtri kemm il-prodott finalizzat tal-kannabis kif ukoll iż-żerriegħa tal-pjanta, biex effettivament tkun tista' ssir ukoll kultivazzjoni kif propost fil-*White Paper*.<br><br>Hemm diversi mudelli li wieħed jista' jikkunsidra, inkluż il-mod ta' kif ġew addottati tali bidliet f'pajjiżi differenti madwar id-dinja.<br><br>Il-Partit Laburista jissuġġerixxi li jkun addottat mudell mhux kummerċjali, b'kontroll strett kemm fuq il- |

| | | |
|---|---|---|
| | | produzzjoni kif ukoll il-bejgħ tal-kannabis. Hemm diversi mudelli li jistgħu jiġu studjati u analizzati, u bħala pajjiż nistgħu nitgħallmu kemm mill-avvanzi u mill-iżbalji li għamel ħaddieħor qabilna.<br><br>Il-Partit Laburista qed jipproponi li jkun hemm qafas regolatorju li jippermetti għall-bejgħ tal-prodott tal-pjanta kif ukoll żerriegħa. Dan jista' jsir jew minn ħwienet li jkunu esklussivament jbiegħu dan il-prodott jew anke hwienet oħra. Il-qafas regolatorju jkun jinkludi t-twaqqif ta' Awtorità li tirregola dan il-qasam. B'differenza għal dak li jiġri fejn jidħlu l-alcohol u t-tabakk, ma nemmnux li għandu jkun hemm kummerċjalizazzjoni, jew reklami ta' tali prodotti, filwaqt li l-utent ikollu fuq l-ippakkeġġar l-informazzjoni kollha neċessarja u l-effetti li tista' tħallilek il-kannabis, bl-istess mod li llum isir fuq l-ippakkeġġar tat-tabakk.<br><br>Mudell li jista' jiġi studjat huwa dak ta' ħwienet magħrufa bħala *social clubs*, fejn dawn il-postijiet ikunu liċenzjati biex ibiegħu il-kannabis, u jista' jsir konsum fihom mill-membri tal-istess club. Nisħqu li f'dawn il-postijiet ma jkunux jistgħu jinbiegħu prodotti bħal xorb alkoħoliku. |
| II. | Il-Kultivazzjoni għall-użu personali esklussiv u l-konsum fl-abitazzjoni privata | Il-Partit Laburista jilqa' din il-proposta. Jipproponi li għandu jkun hemm mod li bih dawk li jixtiequ jikkultivaw il-pjanta, jkunu jistgħu jixtru ż-żerriegħa b'mod regolat u legali.<br><br>Ġa la darba anke t-titlu tal-*white paper* jirreferi għal użu responsabbli, għandu jkun hemm responsabilizazzjoni ta' l-utenti, b'qafas regolatorju ċar u prattiku li jista' jiġi nfurzat.<br><br>Il-punt ta' prinċipju finalment għandu jkun li utent adult responsabbli, għandu jkollu dritt li jkabbar b'mod naturali din il-pjanta fil-propjetà tiegħu, dment li m'hemmx dannu la għal dawk li jgħixu fl-istess abitazzjoni speċjalment minorenni, u lanqas għal terzi fil-viċinanzi. |
| III. | It-tneħħija ta' kundanni preċedenti mill-kondotti uffiċjali | Il-Partit Laburista jilqa' din il-proposta b'mod pożittiv ħafna, u jissuġġerixxi li tkun ikkunsidrata għal reati minuri oħra mingħajr dan ma jkun ta' preġudizzju għas-sentenzi |

| | | |
|---|---|---|
| | | deċiżi mill-Qrati Kriminali u s-sistema ġudizzjarja ta' pajjiżna.<br><br>Din il-proposta toħloq sens ta' ġustizzja, tagħti opportunità għal inklużjoni soċjali u tgħin biex jiġi miġġieled il-preġudizzju. |
| IV. | Id-Distinzjoni bejn CBD u THC fil-Liġi Maltija | Il-Partit Laburista jieħu nota ta' din il-proposta u jilqagħha, filwaqt li jħeġġeġ qafas regolatorju li jagħti aktar aċċess għall-pażjenti li jeħtieġu kannabis mediċinali għall-kura tagħhom. Dan filwaqt li tinżamm distinzjoni netta bejn l-iskop mediċinali u dak mhux mediċinali.. |
| V. | Il-projbizzjoni tal-konsum tal-kannabis fil-pubbliku | Il-Partit Laburista jaqbel li jkun projbit it-tipjip f'postijiet pubbliċi, kif ukoll mal-ammont tal-multa amministrattiva, li toħloq sens ta' bilanċ mal-ikkunsmar tat-tabakk fi spazji projbiti.<br><br>Madanakollu qed jiġi propost li jiġu kkunsidrati postijiet addizzjonali, inkluż eżempji ġa msemmija bhal *social clubs* dedikati propju għalhekk, jew propjetà privata oħra tal-istess utent, bħal pereżempju proprjetà agrikola, li xorta hija privata.<br><br>Dan qed jiġi propost mhux biex jiġi mħeġġeġ il-konsum, iżda biex jiġu indirizzati ċertu realtajiet li jeżistu. B'hekk, wara li tkun introdotta l-liġi ma jkollniex sitwazzjonijiet anomali fejn l-utent jibqa' xorta taħt dell kriminali f'każ ta' konsum personali fi propjetà privata li mhijiex r-residenza tal-utent |
| VI. | Miżuri amministrattivi għal minorenni | Il-Partit Laburista jilqa' din il-proposta, dment li l-ispirtu tal-*white paper* ikun rifless fil-leġislazzjoni u nimxu 'l bogħod kemm jista' jkun mit-trattament tal-utent bħala kriminal. |
| VII. | Awtorità ddedikata għall-użu responsabbli tal-kannabis | Il-Partit Laburista jilqa' din il-proposta u jħeġġeġ lill-Gvern biex jassigura li din ikollha r-riżorsi kollha neċessarja biex taqdi l-irwoli tagħha, inkluż persuni speċjalizzati fil-qasam mhux biss fuq livell legali iżda anke xjentifiku. |

| | |
|---|---|
| | Tali Awtorità kif imsemmi aktar 'il fuq, għandha tiġi mwaqqfa b'mod immedjat u tkun hi li timplimenta l-bidliet neċessarji, inkluż fejn jidhol il-legalizazzjoni tal-kannabis. |
| VIII. Edukazzjoni | Il-Partit Laburista jilqa' din il-proposta għaliex jemmen f'edukazzjoni ħolistika u li tkun effettiva. B'hekk biss jista' jitwassal il-messaġġ bl-aħjar mod possibbli. Huwa importanti li jkun hemm kampanji ta' informazzjoni b'saħħithom speċjalment fl-iskejjel, b'qafas aktar b'saħħtu u realistiku fil-kurrikulum flimkien ma attivitajiet extra-kurrikulari li jedukaw l-istudenti.<br><br>Jeħtieg ukoll aktar għarfien u ricerka x'iwassal għad-dipendenzi, mhux biss tal-kannabis iżda ta' sustanzi u affarijiet oħrajn, b'tali mod li fejn hemm kawziet li jwasslu għal dan jiġu ndirizzati bl-appoġġ meħtieġ.<br><br>L-istatistika turi li fejn jidħol il-konsum tat-tabakk, minkejja li dan huwa legali u jista' jinxtara minn kull kantuniera fil-pajjiż, il-konsum tiegħu naqas – u dan huwa dovut għal snin ta' kampanji b'saħħithom li jiskoraġixxu l-użu tas-sigaretti.<br><br>Din is-sottomissjoni tal-Partit Laburista bl-ebda mod ma hija intiża biex tħeġġeġ xi qafas legali li jinkoraġixxi l-użu tal-kannabis, iżda sabiex ikollna qafas leġislattiv li jirrifletti r-realtajiet soċjali li ilhom magħna għal għexieren ta' snin, filwaqt li l-utent responsabbli ma jibqax trattat ta' kriminal. |

**KONKLUŻJONI**

Nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li bagħtulna l-ħsibijiet tagħhom kif ukoll lill-persuni kollha involuti fil-ħidma ta' din ir-riforma kuraġġuża. Nibqgħu disposti għal aktar diskussjonijiet fejn meħtieġ, anke dwar dawn l-istess sottomissjonijiet.

Il-Partit Laburista jħeġġeġ lill-Gvern sabiex dan il-proċess ikun wieħed studjat, kawt iżda spedit b'tali mod li pajjiżna jkompli jara l-bidliet tant meħtieġa, inkluż f'dan il-qasam – filwaqt li jibqa' kommess kif dejjem kien fil-**100 sena** storja tiegħu, li jkun forza pożittiva għall-bidla f'pajjiżna.